MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-13 ta' April, 2012

Talba Numru. 1600/2010

**Joseph Gouder u Darren Gouder
ID324954-(M) u ID84379-(M) rispettivament**

**vs**

**Paul Zammit – ID538546-(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandux ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u sitt Ewro (€2,006), raprezentanti l-prezz ta' appalt ta' ghamara ordnata mill-istess konvenut u ghal-liema appalt l-atturi ghadhom ma thallsux

Bl-ispejjez u bl-imghax sal-pagament effettiv.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi; Illi l-atturi ssuplew aktar xoghol milli kien mitlub u necessarju u ta'

dan il-konvenut m'ghandux ihallas; Illi x-xoghol li sar ma kienx skond l-arti u s-sengha u ntelaq nofs lehja, u ghalhekk ukoll m'ghandux ihallas ebda somma l-konvenut; Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ikkunsidra,

Illi in forza ta' din l-azzjoni l-atturi qed jitolbu hlas tas-somma ta' elfejn u sitt Ewro (€2,006) rapprezentanti bilanc minn somma akbar dovuta in konnessjoni mal-konsenja ta' ghamara li giet ordnata mill-konvenut. Illi l-atturi ddikjaraw illi l-ghamara li giet ordnata mill-konvenut hija dik li tirrizulta mill-fattura li tinsab a fol. 15 tal-atti, u li kienet tikkonsisti f'zewg kcejjen, u aktar precizament units li kellhom jitwahhlu fil-kcina, diversi travi zghar u ohra kbar, li kellhom jitwahhlu bhala kopertura fuq travi ezistenti tal-hadid, poggiaman ghat-tarag, l-ucuh, ossia indani tal-istess tarag, u tieqa.

Illi l-konvenut wettaq hlas fl-ammont ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700), u cioe' ekwivalenti ghal elf sitt mija u tletin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€1,630.56c), bhala depozitu akkont tal-prezz originali.

Illi ghalkemm l-atturi hargu fattura wahda, l-appalt kien imqassam f'zewg fazijiet, u dan fis-sens illi l-ewwel inhadmet u giet ikkonsenjata kcina fil-proprjeta' tal-attur li tinsab gewwa Haz Zebbug, u t-tieni fazi kienet tikkonsisti fil-kostruzzjoni ta' ghamara ghall-kcina intiza sabiex tigi kkonsenjata fi proprjeta' tal-attur gewwa l-Belt, fejn kellhom jigu kkonsenjati wkoll id-diversi travi tal-injam, il-poggiaman, it-tarag u t-tieqa. Illi l-atturi ddikjaraw illi fl-ammont reklamat minnhom m'hemmx inkluzi l-poggiaman u t-tarag, ghaliex dawn baqghu ma gewx ikkonsenjati lill-konvenut, u peress li l-ordni ghalihom thassret, allura mhux qed jitolbu l-hlas taghhom.

Illi l-istess atturi jiddikjaraw ukoll illi huma gew inkarigati mill-konvenut sabiex jaghmlu xi xoghlijiet ohra zghar, bhal per ezempju jirrangaw xi bibien ta' gwardarobba, jirrangaw xi xkaffar u jwahhlu xi xambrelli ta' xi bibien, fost ohrajn; izda ma kienux qed jitolbu hlas ghal dawn il-bicciet xoghol.

Illi l-istess atturi kkonfermaw ukoll illi kienu huma stess, aktar precizament l-attur Darren Gouder, illi ha l-kejl fil-post kemm ta' Haz-Zebbug u anke dak tal-Belt, sabiex tinhadem l-ghamara ghall-kcina. Illi ghalkemm huma kkonsenjaw u installaw l-ghamara tal-kcina fil-post ta' Haz-Zebbug, l-ghamara tal-kcina tal-Belt ma gietx installata minnhom, u l-istess ghamara kienet ingabret mill-*workshop* tal-atturi minn persuna inkarigata mill-konvenut. Illi in rigward l-oggetti l-ohra, ossia t-travi u t-tieqa, li gew installati fil-post gewwa l-Belt, dawn gew installati mill-atturi stess. Illi l-istess attur Darren Gouder ikkonferma illi wara li giet impostata din l-azzjoni, huwa rcieva ittra legali minghand l-Avukat ta' fiducja tal-konvenut, li permezz taghha kien intalab sabiex imur jigbor l-ghamara li baqghet ma gietx installata fil-fond tal-Belt, ghaliex din kienet ghamara zejda.

Illi da parti tieghu, il-konvenut qed jikkontendi illi hu m'ghandux ihallas il-bilanc li ghadu pendenti stante illi: (i) kien hemm xoghol li kellu jigi mwettaq mill-atturi li ma giex kompletat, bhal per ezempju l-*collapsible table* li l-atturi naqsu milli jwahhlulha l-istaffa li fuqha sserrah sabiex izzomm miftuha; (ii) illi giet ikkonsenjata ghamara li ma kienitx giet ordnata mill-istess konvenut, u dan f'dak li jirrigwarda l-ghamara li tidher fir-ritratti li gew immarkati bhala Dok. JZ6 u JZ7; u (iii) illi kien hemm xoghol li ma sarx skond is-sengha u l-arti, u ghalhekk kien hemm il-htiega li jigu rrangati minn terzi, u dan b'referenza ghat-tieqa li giet installata fil-fond proprjeta' tal-konvenut gewwa l-Belt. Illi oltre dan, kellu wkoll jinkariga persuni ohra sabiex jitwahhlu x-xambrelli, li l-atturi kienu accettaw li jwahhluhom minghajr ma jitolbu hlas ghall-*mano d'opera*.

Illi oltre dan, il-konvenut jilmenta illi x-xoghol ma sarx fiz-zmien miftiehem, u dan ‘l ghaliex kien hemm l-intendiment illi x-xoghol jinhadem f’perjodu ta’ xahrejn mill-ordni; madanakollu, jikkonferma illi ma sar ebda ftehim bil-miktub f’dan ir-rigward.

Illi xehdet ukoll Adelaide Ellul, prodotta mill-konvenut, li kkonfermat illi l-ghamara li kienet intiza sabiex tigi kkonsenjata u mwahhla fil-fond gewwa l-Belt, giet ikkonsenjata fil-fond proprjeta’ taghha, u li eventwalment din giet trasferita ghal gewwa mahzen proprjeta’ taghha wkoll, li jinsab fi Triq il-Lvant, il-Belt. Ikkonfermat illi kien l-istess konvenut illi gab din l-ghamara ghandha, ghaliex kienu ghadhom ghaddejjin xi xoghlijiet fil-proprjeta’ tieghu gewwa l-Belt.

Ikkunsidra,

Illi din l-azzjoni tittratta dwar ftehim ta’ appalt, li in segwitu tieghu l-atturi qed jitolbu l-hlas tal-bilanc dovut lilhom, filwaqt illi l-konvenut qed jikkontendi illi l-bilanc mhux dovut stante li gew ikkonsenjati aktar bicciet ghamara milli kienu ordnati, oltre illi x-xoghol li gie kkonsenjat u installat mill-atturi ma kienx sar skond ma tirrikjedi s-sengha u l-arti.

Illi rrizulta illi f’xi zmien wara li saret l-ordni mill-konvenut, il-ftehim ta’ appalt gie terminat mill-istess konvenut, bl-accettazzjoni tal-atturi, tant illi l-ordni ghall-poggiaman u l-indani tat-tarag giet imhassra, u l-atturi accettaw illi ma jitolbux hlas ghalihom, minkejja l-fatt illi allegatament huma kienu ‘gia hadmuhom. Illi fil-fatt il-prezz ta’ dawn l-oggetti ma giex inkluz u mhux qed jintalab f’din il-kawza.

Illi l-kontestazzjoni principali tal-konvenut f’din il-kawza tittratta dwar l-ghamara li kienet intiza sabiex tigi installata fil-kcina fil-fond gewwa l-Belt. Illi l-istess konvenut qed jikkontendi illi dawn il-bicciet ta’ ghamara ma ordnahomx, u ghalhekk m’huwiex dispost li jhallas ghalihom; madanakollu, irrizulta illi din l-ghamara giet ikkonsenjata

fil-fond proprjeta' tal-konvenut gewwa l-Belt, izda ma gietx installata mill-atturi.

Illi hemm nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar min ikkonsenja din l-ghamara fil-fond proprjeta' tal-konvenut gewwa l-Belt, u cioe' jekk kienux l-atturi stess, jew inkella kienx l-istess konvenut, jew persuna fuq inkarigu tieghu, li gabruha mill-*workshop* tal-atturi. Illi bhala stat ta' fatt irrizulta illi din ma gietx installata, jew imqieghda f'postha, tant illi spiccat f'mahzen proprjeta' ta' terzi. Madanakollu, u ghalkemm il-konvenut qed jikkontendi illi din l-ghamara hu ma ordnahix, u lanqas m'ghandu uzu ghaliha, ghaliex ma toqghodx fil-kamra li tintuza bhala kcina, fi kwalunkwe kaz, din baqghet fil-pussess tieghu, u kien biss wara li giet proposta din l-azzjoni illi bghat jinforma lill-atturi bil-miktub illi ma kienx iridha.

Illi ghalhekk, u gialadarba l-konvenut naqas milli jiddisponi – b'mod legittimu – minn dawn il-bicciet ta' ghamara li allegatament ma ordnahomx u m'ghandux uzu ghalihom, allura l-kontestazzjoni tieghu li dawn m'ghandux ihallas ghalihom ma tistax tigi akkolta. Illi dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi l-ordni saret fi Frar 2008, u skond l-istess konvenut, il-konsenja tal-ghamara tal-Belt saret madwar sena wara; illi ghalhekk din l-ghamara kienet, u baqghet, fil-pussess tieghu ghal aktar minn sentejn. Dan oltre l-fatt, illi skond l-istess konvenut, kien qed imur fil-*workshop* tal-atturi, u kien jibghat ir-risposti ma' terzi persuni, sabiex iheggighom jikkompletaw ix-xoghol fl-iqsar zmien possibbli. Illi fil-fehma tat-Tribunal, tali stqarrija tikkontrasta ma' dak li qed isostni l-istess konvenut, u cioe' illi hu ma ordnax din l-ghamara, ghaliex li kien hekk, ma kienx ikun hemm urgenza sabiex tigi kkonsenjata.

Illi lanqas ma kien hemm xi interpellazzjoni, b'mod formali, mill-konvenut lill-atturi sabiex imorru jigbru din l-ghamara minghandu meta din giet ikkonsenjata lilu; illi ghalhekk mhux konvincenti l-konvenut meta qal li informa lill-atturi mill-ewwel illi dik l-ghamara ma riedhix.

Illi f'dak li jirrigwarda l-ilmenti l-ohra tal-konvenut, u cioe' illi x-xoghol ma sarx skond kif tirrikjedi s-sengha u l-arti,

tant illi l-konvenut kien kostrett li jinkariga lil terzi persuni sabiex jirrimedjaw ghan-nuqqasijiet tal-atturi, jigi rilevat illi f'dan ir-rigward il-konvenut naqas milli jipprova b'mod konkret u konvincenti illi kien hemm tali nuqqasijiet. Dan qed jinghad fid-dawl tal-fatt illi ma gew ipprezentati ebda ricevuti relattivi ghal xi spejjez li l-konvenut seta' gie kostrett li jhallas sabiex jirrimedja ghal tali difetti u nuqqasijiet, u lanqas ma ressaq ebda prova ohra sabiex jissostanzja dak allegat minnu – kemm f'dak li jirrigwarda t-tiswija minn terzi tat-tieqa, u wkoll dwar l-istaffa tal-*collapsible table*. Illi fl-assenza ta' tali provi, u tenut kont tal-fatt illi l-istess atturi ghamlu xoghlijiet ohra – anke minghajr hlas – li kienu a sodisfazzjon tal-istess konvenut, dan it-Tribunal mhux konvint illi realment kien hemm tali nuqqasijiet fl-oggetti kkonsenjati mill-atturi u fil-mod kif dawn gew installati minnhom.

Illi fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jordna li jigi mhallas il-bilanc li ghadu dovut lill-atturi.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba tal-atturi u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u sitt Ewro (€2,006), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-Avviz.

L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------